**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru: 171/2021**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**-Vs-**

***Omissis***

**CORRADO DENARO**

**Illum, 24 ta' Lulju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' *Omissis* u **CORRADO DENARO** imwIeled Avola (Italia) residenti ġewwa 25, Triq Marina, Kalkara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0144566A li ġew akkużati talli f'dawn il-Gżejjer, bejn Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u t-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda,

1. Għamlu atti ta' *money laundering,* billi:-

i. ikkonvertew jew ittrasferew propjeta' meta kienu jafu jissuspettaw li dik il-propjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta' attivita kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita kriminali,għall-

iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-origini tal-propjeta' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew involuti jew koncernati f'attivitaa kriminali;

ii. Ħbew jew wrew ħaga b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta, meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-proprejta' tkun inkiesbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali;

iii. Akkwistaw, kellhom fil-pussess tagħhom, jew użaw propjeta' meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess propjeta' kienet inkiesbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali;

iv. Bir-ritenzjoni mingħajr skuza raġjonevoli ta' propjeta' meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess propjeta' inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali;

v. it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i),(ii),(iii), u (iv) hawn fuq imsemmija, u dan fit-tifsir tal-Artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;

vi. Aggixew bħala kompliċi fit-tifsir tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i),(ii),(iii),(iv) u (v) hawn fuq imsemmija;

2. kellhom fil-pussess tagħhom il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Art. 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta

**Lil -omissis - waħedha talli**;

3. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, f'Malta assoċjat ruħha ma’ xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta, bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih

hemm il-piena ta' priġunerija;

4. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi , f'Malta, mingħajr awtorizazzjoni, zvelat xi password, jew kull mod ieħor ta' dħul jew tagħrif ieħor dwar kif issir id-dħul lil persuna tagħha jew bi preġudizzju ta' terzi, jekk il-posizzjoni tagħha ta' impjegata, kemm vera jew fittizja, tkun għamlitha faċċli għaliha li tagħmel dan ir-reat u dan għad-detriment ta' **Tipico Group Limited (C75334), Vjal Portomaso, San Giljan u/jew persuni oħra;**

5. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu minn ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdiet b'qerq ieħor jew ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq haddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ bi ħsara ta' aktar minn ħamest'elef Ewro (€5,000) a detriment ta' **Tipico Group Limited (C75334), Vjal Portomaso, San Giljan u/jew persuni oħra**;

6. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, approprjat ruħha, billi dawret bi profitt għaliha jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaga jew li jsir użu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' aktar minn ħamest'elef Ewro (€5,000), għad-detriment ta **Tipico Group Limited (C75334), Vjal Portomaso, San Giljan u/jew persuni oħra,** liema somma ġiet ikkunsinnata lilha minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħha, jew minħabba depozitu neċċessarju;

7. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, bil-ħsieb li tagħmel, taħbi jew turi ħaġa b'oħra dwar xi reat, ħolqot jew uzat xi fattura jew xi dokument jew record ta' kontabilita' ieħor li jkun fih informazzjoni falza jew mhux kompleta jew ommettiet b'mod mhux leġġittimu milli tirreġistra xi ħlas u dan għad detriment ta' **Tipico Group Limited (C75334), Vjal Portomaso, San Giljan u/jew persuni oħra;**

8. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, kellha fil-pussess tagħha d-droga Kokajina speifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kinietx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-tabib principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinietx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifatura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinietx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess tagħha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN202/1939) kif sussegwetement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinietx għall-użu esklussiv tagħha;

9. kif ukoll talli fit-tieni (2) jum ta' Marzu tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), naqset milli tħares xi kondizzjoni mposta fuqha wara li hi nħelset mid-detenzjoni hekk kif ordnat mill-uffiċjal tal-kustodja;

**Lil Corrado Denaro waħdu talli;**

10. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, f'Malta assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta, bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija;

11. talli fl-istess żmien, lok u u ċirkostanzi, f'Malta rrenda ruħu kompliċi, billi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l- ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgħa fuq haddieħor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqlu tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ bi ħsara ta' **Tipico Group Limited (C75334), Vjal Portomaso, San Giljan**

**u/jew persuni oħra**, liema qliegħ jammonta għall-aktar minn ħamest'elef Ewro (€5,000);

12. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi , f'Malta rrenda ruħu kompiċi, billi dawwar bi profit jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaga jew li jsir użu minnha speċifikat u cioe' s-somma ta' aktar minn ħamest'elef Ewro (€5,000), għad-detriment ta' **Tipico Group Limited (C75334,) Vjal Portomaso, San Giljan u/jew persuni oħra,** liema somma ġiet ikkunsinnata minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ , amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depozitu neċċessarju;

13. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, f'Malta, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom, jew imexxihom;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tordna ordni ta' Qbid u Iffriżar u tissekwestra u/jew żżomm f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjeta mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jappartjenu jew li jmissu lill-imputati milli jitrasferixxu, jwiegħedu, jipotekaw jew jbiddlu jew jiddisponu minn kwalunkwe propjeta' immobbli jew mobbli li tkun proprjeta' jew inkella mizmuma minnha ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta; tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalita' Kap.621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija jew ħtijiet, barra milli tinfliġġi l-pieni stabbiliti fil-Liġi u b'żieda mal-imsemmija piena, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti, tal-*corpus delicti* u l-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex issir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, kif ukoll tordna il-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-propjeta' li l-valur

tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat kif ukoll tal-propjeta' kollha tal-imputat fit-termini tal-Artikolu 3(5) tal-Kap 373 kif ukoll Artikoli 23 u 23B tal-Kodiċi Kriminali u l-Att dwar ir-Rikavat Kriminali, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-digriet mogħti fit-3 ta' Ottubru 2023 mis-S.T.O il-Prim'Imħallef li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Semgħet lill-partijiet kollha jeżentawha milli terġa' tisma' x-xiehda li xehdu quddiemha meta kienet diversament preseduta;

Rat il-provi, ix-xhieda u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti proċesswali;

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tal-21 ta' Frar 2024 fejn ġie ordnat is-separazzjoni tal-proċeduri bejn l-imputat u *Omissis* b'dan li l-proċediment fil-konfront tal-imputata jitmexxa u jiġi deċiż separament mill-proċediment fil-konfront ta' *Omissis*;

Semgħet lill-imputat Corrado Denaro jixhed quddiemha fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2024;

Rat l-atti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-akkużi jikkonċernaw tlieta u ħamsin (53) transazzjoni li saru bejn il-31 ta' Ottubru 200 u t-22 ta' Frar 2021, mill-imputata *Omissis*, li dak iż-żmien kienet impjegata minn Tipico Limited, kumpannija li topera fil-qasam tal-*online betting*, fir-rwol ta' PSP Specialist. Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi, jirriżulta illi bis-saħħa ta' dawn it-transazzjonijiet, *Omissis*, permezz tal-aċċess miftuħ kellha għall-finanzi tal-kumpannija fir-rwol tagħha ta' PSP (payment service provider) Specialist, ittrasferiet is-somma totali ta' €206,871.04 mill-fondi tal-kumpannija għal ġewwa żewġ *wallets* tal-bank Revolut. Dan seħħ bl-użu da parti tal-imputata *Omissis* tal-aċċess li kellha fil-pożizzjoni tagħha ta' PSP Specialist għall-*portal* World Pay Custodian, wieħed mill-*payment service providers* li joffri lill-kumpannija Tipico Limited sistema li kiene tintuża biex jitħallsu mill-kont tal-kumpannija, dawk il-klienti li jitolbu jiġbdu flejjes ġejjin minn rebħ fuq logħob *on-line* offrut minn Tipico Limited. Jirriżulta illi *Omissis* kienet tagħmel dan billi tiġġenera fis-sistema diġitali tal-kumpannija b'mod manwali, transazzjoni fittizzja ta' 'withdrawal' jew 'payout', bid-dettallji tal-pagament u l-isem u dettallji tal-benefiċċjarju, bħallikieku l-klient ikun rebaħ xi flus minn logħob, u jkun irid jiġbidhom. Imbagħad *Omissis* kienet tivverifika t-transazzjoni u tapprovaha biex din tidher li hija leġittima u in segwitu, titlob lil xi ħadd mill-kollegi fit-tim tagħha biex jerġgħu japprovawha separatament sabiex il-'payout' jista' b'hekk jiġi eżegwit. Dan in konformita' mal-proċedura tal-kumpannija Tipico Limited li kienet tesiġi sistema doppja ta' approvazzjoni - minn żewġ utenti separati, ossia żewġ impjegati - għall-eżekuzzjoni ta' kull transazzjoni għall-ħlas.

Minn eżami tax-xhieda tal-impjegati tal-kumpannija Tipico u tar-rapport Dok. MM u l-messaġġi diġitali li ntbagħtu mill-imputata *Omissis* fuq is-sistema interna tal-kumpannija ('*Slack*') in konnessjoni ma' dawn it-transazzjonijiet illeċiti[1], jirriżulta li hija tirriassigura lill-kollegi li tkun talbithom japprovaw it-transazzjoni, li m'hemmx bżonn li jerġgħu jirrivedu t-transazzjoni għaliex tkun diġa' vverifikat kollox hi stess u kull ma kien jonqos it-timbru tal-approvazzjoni tagħhom. Imbagħad kienet tieħu

[1] Parti mir-rapport Dok. MM.

ħsieb li ssir proċess ta' rikonċiljazzjoni finanzjarja ('*force-matching*') tat-transazzjonijiet biex dawn ma jibqgħux jidhru. Filwaqt illi l-ismijiet tal-benefiċjarji tat-tlieta u ħamsin (53) transazzjoni qarrieqa kienu tassew ismijiet ta' klienti tal-kumpannija, mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija irriżulta illi l-fondi minn dawn it-transazzjonijiet dejjem ġew imħallsin fl-istess żewġ *wallets* tal-bank Revolut, wieħed minnhom bin-numru LT683250050669489884 intestat lil *Omissis* u li fih ġie trasferit is-somma totali ta' €157,069, u l-ieħor bin-numru LT043250078014327058 intestat lill-imputat odjern, Corrado Denaro, fis-somma komplessiva ta' €49,802.

L-imputat Corrado Denaro kien f'relazzjoni ma' *Omissis*, liema relazzjoni bdiet għall-ħabta tal-aħħar tas-sena 2018 u fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reati addebitati lilhom f'dawn il-proċeduri, kienu jgħixu flimkien.

Il-kumpannija Tipico Limited saret taf b'dan il-qerq meta *Omissis*, minn jeddha, f'*email* li bagħtet lil Maria Micallef fit-23 ta' Frar 2021, ġibdet l-attenzjoni tas-superjuri tagħha għall-fatt li kienet serqet ammont ta' flus mill-kumpannija. Kienet ukoll *Omissis* innifisha li żvelat din l-illegalita' lill-Pulizija meta minn jeddha marret tirrapporta inċident ta' vjolenza domestika fil-konfront tal-imputat Corrado Denaro.

Dawn il-fatti kollha, kif jirriżultaw mill-provi proċesswali, m'humiex kontestati mill-imputat u d-difza ma ressqitx provi li jixħtu xi dubju fuq l-egħmil li twettaq biex dawn il-flejjes ġew effettivament depożitati fil-kont tiegħu jew fuq il-provenjenza illeċita tal-istess flus li kien qed jirċievi fil-kont fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reati addebitati lilu u l-Qorti hija pjenament sodisfatta li l-flus li ġew imħallsin minn Custodian Worldpay fil-kont tal-imputat, kienu rikavat ta' reati kommessi minn *Omissis*.

Illi fil-fatt *Omissis*, il-ko akkużata, ammettiet il-ħtija tagħha għall-akkużi kollha miġjuba kontriha f'dawn il-proċeduri u ġiet ikkundannata permezz ta' sentenza mogħtija fl-4 ta' Marzu 2024.

Illi l-Qorti tibda biex tosserva illi *Omissis* qatt ma xehdet quddiem il-Qorti, lanqas wara li ġiet ikkundannata u l-proċeduri fil-konfront tagħha saru *res judicata* u b'hekk saret xhud kompetenti tal-Prosekuzzjoni. Dan evidentement għaliex *Omissis* irreġistrat ammissjoni fi stadju ferm avvanzat tal-proċess meta l-Prosekuzzjoni kienet diġa' ressqet il-provi kollha in sostenn tal-akkużi u wara l-ħruġ tal-kontro-ordni tal-Avukat Ġenerali, u wkoll wara l-imputati kienu ddikjaraw li ma kellhomx oġġezzjoni biex il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja. *Omissis* ma xehditx lanqas bħala xhud tad-difiża.

Huwa minnu li *Omissis* kienet rilaxxat żewġ stqarrijiet lill-Pulizija, waħda meta ġiet interrogata fit-22 ta' Frar 2021 u l-oħra fit-tieni interrogazzjoni fit-23 ta' Marzu 2021. Madanakollu, għandu jingħad minnufih illi kif sewwa ġie rilevat mid-difiża fit-trattazzjoni, dawn l-istqarrijiet ma jiswewx bħala prova u ma għandhom ebda valur probatorju kwalsiasi. Dan qed jingħad mhux biss minħabba d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 646(1) tal-Kodiċi Kriminali[2], għaliex kif ingħad diġa', *Omissis* qatt ma xehdet quddiem il-Qorti f'dawn il-proċeduri, iżda wkoll għaliex dawn jikkostitwixxu stqarrijiet ta' ko-akkużat li saru meta l-istess ko-akkużat, *Omissis*, kienet persuna suspettata, u għalhekk jagħmlu prova fir-rigward biss ta' min jagħmilhom u mhux ukoll fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor.

Huwa prinċipju fondamentali tal-proċedura kriminali illi dak li jgħid l-akkużat fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor, ma jistax jitqies bi preġudizzju jew favur il-persuna l-oħra li wkoll tinsab akkuzata bl-istess reat, u dak li tgħid persuna akkuzata jgħodd biss fil-konfront tagħha. Ir-*raison d'etre* ta' din ir-regola tinsab fil-fatt illi persuna li qiegħda tiġi akkuzata bl-istess reat bħall-awtur tar-reat, jaf ikollu interess qawwi illi

[2] 646.(1) *Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce.*
*(2) Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:*
*Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat vivavoce kif provdut fis-subartikolu (1)".* L-istqarrijiet ta' *Omissis* ma jinkwadraw f'ebda waħda mill-eċċezzjonijiet għal din ir-regola kif stipolat fid-dispożizzjonijiet sussegwenti tal-istess artikolu 646 tal-Kap. 9 b'deroga għar-regola li x-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati mill-qorti u *viva voce*.

jtaffi l-ħtija jew ir-responsabbilita` tiegħu u jixħet tali ħtija u responsabbilita` fuq ħaddieħor.

Il-prinċipju huwa rispekkjat fid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kap. 9 li jipprovdu li konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra[3].

In tema ingħad:-

"*... hu ovvju li ladarba l-appellanti u Tarek Ayari kienu ko-imputati u akkuzati bl-istess reat, mhux biss l-istqarriji taghhom rispettivi ma setghux jaghmlu prova kontra l-ko-imputat/a imma lanqas ix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti ma setghu jitqiesu bhala prova fil-konfront tal-ko-imputat jew ko-imputata l-ohra. Ghalhekk hawn non si tratta tal-htiega o meno ta' korroborazzjoni kif donnha induciet lil Qorti biex tghid zbaljatament id-difiza tal-appellanti fit-trattazzjoni taghha – zball tad-difiza wkoll ripetut fir-rikors tal-appell – imma ta' prova li ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti, ghax dak li jixhed ko-imputat ma jiswiex bi prova la favur u lanqas kontra ko-imputat iehor*"[4].

Dan il-prinċipju ġie riaffermat konsistentement; per eżempju fis-sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. *Omissis* u Jeremy Farrugia**, deċiża fit-23 ta' Mejju 2001, ingħad:-

*"... r-regola ... li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz (ara f'dan is-sens **Sua Maesta` il Re v. Carmelo Cutajar ed altri***

[3] Ara wkoll : **Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' April 1992.
[4] **Il-Pulizija vs Saada Sammut et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Novembru 2006.

*Qorti Kriminali, 18 ta' Jannar, 1927;* ***Il-Pulizija v. Toni Pisani*** *Appell Kriminali, 11 ta' Novembru, 1944;* ***Il-Maesta` Tieghu ir-Re v. Karmenu Vella*** *Qorti Kriminali, 3 ta' Dicembru, 1947;* ***The Police v. Alfred W. Luck et.*** *Appell 3 Kriminali, 25 ta' April, 1949;* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Faustino Barbara*** *Appell Kriminali, 19 ta' Jannar, 1996;* ***Il-Pulizija v. Naser Eshtewi Be Hag et****. Appell Kriminali, 2 ta' Frar, 1996;* ***Il-Pulizija v. Carmelo Camilleri u Theresa Agius*** *Appell Kriminali, 11 ta' Lulju, 1997; u passim* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Zammit et.*** *Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1998)."*

Illi kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omisses, Anthony Galea**[5]

*Din ir-regola giet interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontro ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Omissis u Saada Sammut" spjegat li:*

*"Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghallgurisprudenza hemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan ilprincipju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti*

[5] Deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fil-25 ta' Marzu 2019.

*Kriminali fil-kawza "Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Brian Vella" [4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dirregola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah limpunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."*

Il-korollarju ta' dan kollu hu li kull stqarrija jew dikjarazzjoni li setgħet ġiet rilaxxata minn *Omissis* ma tiswix favur jew kontra l-imputat ko-akkużat bl-istess delitti, u konsegwentement, il-verżjoni ta' *Omissis* fiż-żewġ stqarrijiet li rrilaxxat, fejn mhux biss ammettiet l-involviment tagħha iżda setgħet ukoll implikat lill-imputat odjern Corrado Denaro fid-delitti addebitati lilhom flimkien, ma tgħoddx u ma tagħmel l-ebda prova fil-konfront tiegħu. **Speċifikatament, id-dikjarazzjonijiet tagħha fis-sens illi (i) kien Corradi Denaro li ħareġ bis-suġġeriment u ħajjarha biex toħroġ flus mill-kontijiet ta' Tipico Limited permezz ta' transazzjonijiet fittizzji mertu tal-akkużi; (ii) li l-imputat kien eventwalment beda jġiegħlha tagħmel dawn it-transazzjonijiet bit-theddid u kien jirrikattaha jekk ma tagħmilhomx, anke billi jibgħat filmati sesswali tagħha lil membri tal-familja tagħha mingħajr il-kunsens tagħha, u kien ukoll isawwatha; (iii) li kien jidħol fil-kontijiet tagħha għaliex kien jaf il-*passwords* tal-kompjuter tax-xogħol tagħha; (iv) li kien jitlobha tagħtih ammonti ta' flus regolarment u kien jitlobha wkoll biex tixtrilu ħwejjeġ u biex tħallaslu l-kera, ilkoll ma jiswewx bħala prova kontra l-imputat odjern.**

Għaldaqstant, ġia' stabbiliti l-fatti oġġettivi li joħorġu mix-xhieda u l-provi proċesswali lil hinn mill-istqarrijiet ta' *Omissis*, il-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina l-verżjoni tal-imputat Corrado Denaro kif jirriżulta mill-istqarrijiet tiegħu lill-Pulizija waqt l-interrogazzjoni tiegħu fit-23 ta' Marzu 2021 u fix-xhieda viva voce tiegħu quddiem il-Qorti.

Fl-istqarrija li kien irrilaxxa fit-23 ta' Marzu 2021 waqt li kien qed jiġi interrogat mill-Pulizija, Corrado Denaro stqarr li *Omissis* dejjem kienet tagħtih il-flus minn jeddha tant illi ma tantx kien jaħdem. Mill-bidu nett tar-relazzjoni tagħhom *Omissis* kienet

tgħidlu biex ma jmurx jaħdem għaliex kienet kuntenta tagħtih il-flus. Kienet xtratlu karozza Mercedes li kienet tiswa €23,000 għal egħluq sninu fl-2019 meta kienu ilhom biss ftit xhur f'relazzjoni, u kienet tixtrilu ħafna ħwejjeġ u kif ukoll żraben kif ukoll kienet tħallas l-ispejjeż ta' manutenzjoni tal-karozza u l-mutur li għandu, u kienet tħallas ukoll il-kera u dawl u ilma tal-appartament fejn joqogħdu. Qal li għandu spejjeż għall-bżonnijiet personali tiegħu ta' ċirka €500 fix-xahar li jonfoqhom f'sigaretti, ikel u xorb. L-imputat stqarr ukoll li għall-ħabta ta' Jannar 2020 hu flimkien ma' *Omissis* kienu akkwistaw proprjeta' ġewwa Bugibba u ħadu self mill-bank iżda r-ripagamenti tas-self tħallashom kollha *Omissis* waħedha, li ħallset ukoll id-depożitu għax-xiri ta' dan l-appartament. L-imputat jaf illi *Omissis* kienet taħdem mal-kumpannija Tipico Limited iżda ma jifhimx fix-xogħol li kienet tagħmel għaliex ikkumplikat ħafna u hu ma jafx juża kompjuter.

Fir-rigward tas-somma ta' ċirka €49,000 li rċieva fil-kont tiegħu ta' Revolut għall-ħabta ta' Diċembru 2020, l-imputat qal li ma jafx minn fejn kien qed jirċevihom. Qal ukoll li meta kien staqsa lil *Omissis* dwar dan, kienet qaltlu li kienet ħadet il-flus mix-xogħol. Jaf li *Omissis* kienet tirċievi salarju ta' ċirka €2,500 jew €3,000 gross, u meta qaltlu li kienet tieħu l-flus mix-xogħol kien qalilha: "*Għalhekk huwa worth it? ... iġifieri jekk jaqbduk tagħmel din il-biċċa xogħol huwa worth it, tagħmel!*" Innega li kien hu li qalilha biex tieħu l-flus mix-xogħol u ma kienx jaf li *Omissis* kienet qed tieħu dawk l-ammonti kollha u ma kienx jaf lanqas eżattament min fejn kienu ġejjin il-flus li rċieva, iżda kien jaf li l-flus ma kienx ta' *Omissis* u li kienet qed teħdohom minn Worldpay. Mistoqsi waqt l-interrogazzjoni jekk kellux "*suspett li* [l-flus] *kienu ħżiena*", l-imputat stqarr "*Iva għax qaltli*", b'referenza għal *Omissis*. Stqarr ukoll illi wara li kienet ilha għaddejja din il-biċċa xogħol, kien qal lil *Omissis* li kien ser iċempel lil Maria, li tiġi s-superjuri tagħha fil-kumpannija, biex jgħidilha dwar dak li kienet qed tagħmel *Omissis* għaliex "*din il-biċċa xogħol m'hijiex qed togħġobni*". Iżda ma kienx spiċċa rrapportaha. Stqarr ukoll li għalkemm fil-bidu ma kienx jaf meta kien ser ikun qed jirċievi l-flus fil-kont tiegħu, wara kien ikun jaf għaliex kienet tgħidlu *Omissis*. L-imputat ċaħad ukoll li hu kien jhedded lil *Omissis* biex tagħtih il-

flus. Ma jafx kif nefaq il-flus kollu li rċieva mingħand Worldpay, ħlief li għamel trasferimenti l' hemm u 'l hawn

L-imputat stqarr ukoll li peress li hu u *Omissis* kienu jafdaw lil xulxin, huma kellhom aċċess għall-karta tal-bank u *internet banking* bil-passcodes relattivi, ta' xulxin u hu kellu wkoll il-"pin" biex jiftaħ il-kompjuter tagħha u biex jiftaħ Netflix. Iżda ċaħad li hu kien jaf il-passcode tal-imputata tas-sistema tax-xogħol tagħha u saħaq li *Omissis* qatt ma tatu l-passcodes biex jidħol fis-sistema tax-xogħol tagħha, apparti li huwa "*impossibbli*" li jkollu dawk il-*codes*.

Fir-rigward droga, l-imputat stqarr illi huwa ma jagħmilx użu mid-droga għajr għal xi "*joint*" tal-marijuana, għalkemm kien hemm żmien meta kien għoġbu li jipprova jpejjep id-droga "*crack*" madwar sena jew sentejn qabel. Jaqbel li parti mill-flus li kienet tatu *Omissis* fil-kont tiegħu ta' Revolut bejn Ottubru 2020 u Frar 2021 kienu ntefqu f'użu ta' droga.

**L-imputat, Corrado Denaro, għażel ukoll li jixhed quddiem il-Qorti**[6] u xehed illi kien ilu f'relazzjoni ma' *Omissis* sa minn Diċembru 2018 u kienu jħobbu ħafna lil xulxin. Jaf li kienet tirċievi salarju mill-impieg tagħha ma' Tipico Limited, li jaf li hija kumpannija tal-gaming, ta' €3,500 fix-xahar, iżda ma jafx eżattament ix-xogħol li kienet tagħmel għaliex huwa daqsxejn difficli biex wieħed jifhem. Jaf iżda li kellha pożizzjoni importanti fil-kumpannija u li kienet tikkontrolla u tamministra ħafna flus kif ukoll tieħu ħsieb tagħmel verifiki anke tax-xogħol tal-kollegi tagħha, li ta' spiss kienu jċempulha meta kienet taħdem mid-dar meta ma kienux jafu jagħmlu xi ħaġa fuq xogħol. Kien jaf ukoll li *Omissis* kellha ċirka €100,000 merfugħin meta ltaqa' magħha.

Xehed illi wara xi ġimgħa li kienu ilhom f'relazzjoni flimkien, *Omissis* bdiet tixtrilu r-rigali, ħwejjeġ, żraben, arloġġi u ħallset għal vjaġġ lejn Spanja u xtratlu wkoll f'ismu karozza Mercedes li tiswa €23,000 bħala rigal u dan bil-flus li kellha mfaddlin.

[6] Xhieda tat-18 ta' Marzu 2024.

Kienet tixtri rigali wkoll lil uliedu u kienet tħallaslu l-fuel tal-karozza, taxxa u insurance, kif ukoll il-kera tal-appartament fejn kienu joqgħodu. Imbagħad fl-2020 xtrat ukoll appartament f'Bugibba f'isimhom it-tnejn iżda hu ma kienx ħareġ flus għall-akkwist u lanqas qatt ma ħallas xi ripagament tas-self bankarju li kienu ħadu biex jiffinanzjaw parti mill-akkwist tal-proprjgeta'.

Rigward il-flus li *Omissis* kienet ħadet mill-kumpannija Tipico Limited, l-imputat xehed "*jien ma kont naf xejn, mela jiena ma kont naf b'xejn sa meta l-bank ibblokkjali l-kont għax riedu jkunu jafu minn fejn kienu ġejjin dawn il-flus*." Qal li kien hemmhekk li huwa kien staqsa lil *Omissis* minn fejn ġejjin il-flus li kien jirċievi fil-kont tiegħu daqqa minn sit tal-logħob u daqqa mingħand *Omissis* innifisha, għaliex il-bank kien talbu għall-informazzjoni. Xehed illi *Omissis* kienet qaltlu "*tieħux ħsieb tieħux ħsieb dak nistgħu nuruha li inti rbaħt bil-logħob*" u kienet tatu xi karti li kienu juru li huwa rebaħ flus minn xi logħob, biex ikun jista' jippreżentahom lill-bank u hu hekk għamel. Fil-fatt, il-bank kien mill-ewwel żblokka l-kont wara li ippreżenta d-dokimenti li tatu *Omissis*. Madanakollu, afferma illi huwa qatt ma lagħab fuq is-siti elettroniċi ta' Tipico u meta kien staqsa lil *Omissis* x'ifisser 'Custodian Worldpay' li kien qed jirċievi l-flus mingħandhom, qaltlu li huma kienu rebħuhom. Madanakollu, l-imputat ma setax jispjega kif kien qed jirċievi flus mingħand 'Custodian Worldpay' jekk ma kienx qed jilgħab ebda logħob: "*Ma nfax ma ħsibtx fiha din*" u qal li forsi seta' kien il-każ li rebħtihom *Omissis* u talbet li l-flus jintbagħtu direttament fil-kont tiegħu. Iżda ammetta li din kienet biss teorija u mhux xi ħaġa li jaf bħala fatt.

Xehed ukoll li *Omissis* kienet tibgħatlu xi flus ukoll, u ġieli bagħtitlu fil-kont tiegħu €4,000, €5,000, €9,000. Kienet tgħidlu li dan il-flus ġej mix-xogħol tagħha għaliex tax-xogħol kienu jagħtuha ħafna *vouchers* li setgħet issarrafhom anke biex tilgħab il-logħob. Kienet anke qaltlu li rebħet ħafna flus minn dan il-logħob iżda ma kienetx qaltlu kemm. L-imputat xehed illi l-flus li huwa rċieva fil-kont tiegħu ta' Revolut kien jixtri ħwejjeġ bihom, u kien xtara wkoll mutur iżda dejjem kien jistaqsi lilha jekk jistax jixtri għalkemm il-flus jkunu daħlu fil-kont tiegħu.

Mistoqsi in kontro-eżami jekk bediex jissuspetta xi ħaġa mhux f'postu, in konnessjoni mal-flus li kien jirċievi fil-kont tiegħu, l-imputat wieġeb : "*bħal speċi li forsi jista' jgħaddili minn moħħi li sraqt imma mhux dak l-ammont, impossibbli dak l-ammont ... impossibli tisraq dak l-ammont mingħand Tipico impossibbli*". Fisser li dan is-suspett ta' serq nibet ukoll minħabba l-fatt illi *Omissis* kienet ukoll regolarment tisraq affarijiet żgħar: "*tisraq mis-supermarket ... minn Despar tisraq il-makeup ... fil-karnival serqet costum ta' bumblebee għat-tifel tagħha, 46 euros, tfajla li taqbad oltre 3,500 fix-xahar tagħmel hekk*" u xehed ukoll li *Omissis* kienet qaltlu li meta kienet żgħira kienu qabduha tisraq xi imsielet. L-imputat stqarr illi meta *Omissis* kienet tibgħatlu l-ammonti ta' €4,000 u €9,000 fil-kont tiegħu, hu kien diġa' jaf li kienet qed tisraq mis-supermarkets u mill-ħwienet, iżda meta kien isaqsiha kienet tgħidlu li rebħithom. Kien anke ried jeħodha għand psikologu.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat Corrado Denaro qed jiġi mixli bir-reat ta' assoċjazzjoni taħt l-artikolu 48 tal-Kodiċi Kriminali, u b'kompliċita' fir-reati ta' frodi u misapproprjazzjoni. Qed jiġi akkużat ukoll bir-reat ta' riċettazzjoni u li għamel atti ta' money laundering bi ksur tal-Att kontra Money Laundering.

Illi l-ewwel imputazzjoni addebitat lill-imputat Corrado Denaro waħdu hija dik dwar assoċjazzjoni, ċioe' r-reat kontemplat fl-artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali.

*48A.(1) Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, ikun ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.*

*(2) L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.*

Għalhekk, jissussisti r-reat in eżami jekk xi persuni jassoċjaw ruħhom bil-għan li jagħmlu delitt li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, li jfisser li l-kommissjoni tar-

reat hi eskluża f'każ li r-reat ippjanat ikun kontravvenzjoni jew delitt punibbli biss b'multa). Ukoll, sabiex jiġi applikat l-imsemmi artikolu 48A, irid jiġi determinat liem'hu r-reat li l-Prosekuzzjoni tkun qed tallega li l-assoċjati jkunu ppjanaw jew ftehmu biex iwettqu, u kif tgħid il-liġi stess, l-assoċjazzjoni tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn l-assoċjati fir-rigward ta' dan id-delitt.

Mhux meħtieġ li t-twettiq tad-delitt ikun ippjanat sa l-inqas dettall u bir-reqqa, u l-jingħad illi l-assoċjazzjoni teżisti anke mingħajr il-komplessita' ta' struttura u pjanijiet ta' ghaqda jew organizzazzjoni, purche' jkun hemm qbil bejn żewġ partijiet jew iktar għal skop u għal għan komuni dwar il-modalitajiet ta' azzjoni biex jigi kommess ir-reat stabbilit.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sup.) fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Ellul**, datata 17 ta' Marzu, 2005, il-Qorti għamlet referenza għal Archbold, 'Criminal Pleading, Evidence and Practice' (2003), dwar dan ir-reat in diżamina (conspiracy):

*"The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; R. v. Warburton (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; R. v. Tibbits and Windust [1902] 1 K.B. 77 at 89; R. v. Meyrick and Ribuffi, 21 Cr.App.R. 94, CCA. Nothing need be done in pursuit of the agreement: O'Connell v. R. (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1."*

*"The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: R. v. Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; R. v. Murphy (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them": R. v. Brisac*

*(1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317."*

Applikat dan kollu għall-fattispeċje tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti u skartati d-dikjarazzjonijiet li għamlet il-ko-akkużata *Omissis* fl-istqarrijiet rilaxxati minnha waqt l-interrogazzjoni, il-Qorti ma tistax tkun konvinta serenament, wisq inqas fil-grad meħtieġ għal sejbien ta' ħtija kriminali, li l-imputat u *Omissis* kienu qablu bejniethom dwar it-twettiq ta' pjan biex jikkommettu delitt. Tibda biex tosserva illi l-Prosekuzzjoni baqgħet ma indikatx espressament liem'hu d-delitt li kien l-oġġett tal-assoċjazzjoni bejn l-imputat u *Omissis*, u ċioe' jekk kienux assoċjaw flimkien biex jikkommettu atti ta' money laundering, frodi, misapproprjazzjoni jew riċettazzjoni.

Fi kwalsiasi każ, ma hemmx provi biżżejjed li jistabbilixxu fil-grad meħtieġ, li l-imputat ftiehem ma' *Omissis* sabiex b'abbuż tal-pożizzjoni tagħha bħala impjegat fdata tal-kumpannija Tipico Limited, kellha toħloq transazzjonijiet fittizzji biex tieħu illegalment ammonti sostanzjali ta' flus mill-kont tal-kumpannija u tiddepożitahom fil-kont tagħha u fil-kont tal-imputat. Huwa minnu li l-imputat irċieva depożiti sostanzjali fil-kont tiegħu sija permezz ta' trasferimenti mill-kont ta' *Omissis* u sija wkoll direttament minn 'Custodian Worldpay' fuq bażi regolari bejn Ottubru 2020 u Frar 2021, iżda għalkemm dan jista' jfisser li huwa kien jaf bil-provenjenza illeċita' tal-flejjes u nonostante dan, aċċetta li jirċievihom fil-kont tiegħu, u jista' jfisser ukoll li ma għamel xejn biex iwaqqaf lil *Omissis* milli tkompli twettaq l-azzjonijiet kriminużi tagħha, dan żgur ma jikkostitwixxix prova biżżejjed li l-imputat u *Omissis* fasslu pjan bejniethom biex jiġi kommess dan il-qerq għad-dannu tal-kumpannija Tipico Limited. Kemm hu hekk, ma jirriżultax mill-provi illi l-imputat kien jifhem il-kumplessitajiet tat-transazzjonijiet li kienet twettaq *Omissis* biex tieħu l-flus mill-kumpannija u ma setax jispjega preċiżament kif il-flus jintbagħat direttament minn Custodian Worldpay fil-kont tiegħu. Din il-verżjoni tal-imputat ma ġietx kontradetta minn xhieda jew provi oħrajn u ma hemm xejn fl-atti u fil-provi, għajr għall-istqarrijiet ta' *Omissis*, li juri li kien intlaħaq qbil bejniethom minn qabel biex *Omissis*

tibda twettaq l-iskema kriminuża għad-dannu ta' Tipico Limited, wisq inqas il-modalitajiet tal-azzjoni li biha kellu jiġi kommess id-delitt.

Fir-rigward ir-reat ta' riċettazzjoni, għalkemm il-provi juru inkonfutabbilment li l-imputat irċieva ħwejjeġ ġejjin mill-kommissjoni ta' reat, dan il-fatt waħdu ma jfissirxx neċessarjament li kien ftiehem minn qabel ma' *Omissis* li kellu jirċievi l-flus provenjenti mill-frodi jew reati oħrajn li kellha twettaq l-istess *Omissis* u xejn ma jeskludi li r-reati wettqithom *Omissis* minn jeddha u mingħajr ebda parteċipazzjoni tal-imputat fl-ippjanar tar-reati, biex tkun tista' ssostni ċertu stil ta' ħajja, għaliex kienet tieħu ħafna drogi, biex tagħtihom rigal lill-imputat jew ġeneralment, biex tingħoġob miegħu u ma joħroġx jaħdem, kif del resto xehed l-imputat innifsu.

Għaldaqstant, ir-reat ta' assoċjazzjoni ma ġiex ippruvat kif imiss u l-imputat mhux sejjer jinsab taħt ta' dan ir-reat.

Ikkunsidrat;

Skont kif jirriżulta min-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali, l-imputat Corrado Denaro qed jiġi mixli wkoll b'kompliċita' fir-reati ta' frodi u misapproprjazzjoni.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi il-provi juru inekwivokabbilment illi kienet *Omissis* l-awtriċi tad-delitti li bil-kommissjoni tagħhom ittieħdu ammonti sostanzjali ta' flejjes mill-kontijiet ta' Tipico Limited, liema fondi ġew depożitati fil-kontijiet rispettivi tal-istess *Omissis* u tal-imputat. Iżda biex jiġi ppruvat il-kompliċita' tal-imputat f'dawn iż-żewġ reati jew wieħed minnhom, il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat huwa persuna li:-

(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew

(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkuntat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew

(c) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhomhekk jiġu użati; jew

(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew

(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah.

Illi d-dottrina u l-ġurisprudenza in tema ta' kompliċita' hija ben stabbilita. Il-Professur Sir Anthony Mamo jgħallem li:

"*A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had* ***done some other act which has helped*** *towards the commission of the offence and had* ***done the act in pursuance of a common design to commit that offence****"*[7] (enfasi tal-Qorti)

Illi in tema, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Il-kompliċi huwa dak li għalkemm ma jipparteċipax materjalment fis-serqa, jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, ....* ***L-importanti huwa naturalment li jkun hemm ftehim minn qabel****.*[8] (enfasi ta' din il-Qorti)

Illi fil-fatt il-Professur Mamo jgħallem ukoll li:

---

[7] Notes on Criminal Law Vol I pagna 124.

[8] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech**, deċiża fid-29 ta' Settembru 2004.

*"A merely physical participation in the act* ***without a participation in the criminal design*** *cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence.*[9]*"*

Illi dan kollu magħdud ifisser illi biex tinstab ħtija fl-imputat odjern għall-imputazzjoni ta' komplicita fir-reat ta' frodi jew ir-reat ta' misapproprjazzjoni jew it-tnejn, li ġew imwettqa minn *Omissis*, irid jiġi sodisfaċjentement ippruvat mill-Prosekuzzjoni li l-imputat (i) kien jaf li l-awtur, f'dan il-każ *Omissis,* kien ser iwettaq id-delitt, u (ii) li hu deliberatament għen lil *Omissis* biex hekk twettaq id-delitt, u dan billi għamel xi ħaġa li tinkwadra f'wieħed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-imsemmi artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali. Il-fatt waħdu li l-imputat kien jaf bl-azzjonijiet kriminużi ta' *Omissis* u seta' wkoll approva li *Omissis* tieħu jew tkompli twettaq dawn l-azzjonijiet, ma jfissirx ukoll neċessarjament li hu għen, assista, ħajjar, ordna, ġiegħel jew xewwex lil *Omissis* biex twettaq dawn ir-reati u l-Prosekuzzjoni jeħtiġilha tressaq prova diretta jew indiretta li tistabbilixxi lil hinn minn dubju li l-imputat kellu rwol materjali u attiv fit-twettiq ta' dawn id-delitti jew xi wieħed minnhom skont kif maħsub espressament fl-imsemmija paragrafi (a) sa (e) tal-artikolu 42 tal-Kap. 9.

Il-Qorti tibda biex tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet ta' fatt.

L-imputat ma kellu ebda rwol fil-kumpannija Tipico u ma jirriżultax mill-provi li qatt kien ikun fuq il-post tax-xogħol ta' *Omissis* jew li kien jassistiha b'xi mod f'xogħolha. Fil-fatt, l-imputat ma jissemma minn ebda wieħed mix-xhieda li xehdu in konnessjoni mal-eżekuzzjoni tad-delitti kommessi minn *Omissis*. Iktar minn hekk, u kif diġa' ġie stabbilit, il-provi ammissibbli juru li l-imputat ma kienx jifhem fix-xogħol ta' *Omissis* bħala PSP Specialist, tant illi ma setax jiddeskrivi b'mod preċiż x'kien jinvolvi x-xogħol tagħha fil-kumpannija, xogħol li huwa ddeskriva bħala "*komplikat*".

[9] Notes on Criminal Law, Vol. I, pagna 125. Enfasi tal-Qorti.

Iktar minn hekk, il-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova li turi illi l-imputat Corrado Denaro seta' kien involut b'xi mod ieħor fit-twettiq tal-frodi, għaliex il-provi huma konkordanti li biex jiġu awtorizzati ħl-pagamenti tat-transazzjonijiet fittizzji li kienet toħloq *Omissis*, kien hemm bżonn li tinkiseb l-approvazzjoni ta' impjegat ieħor tal-kumpannija Tipico b'żieda mal-verifika, ukoll simulata, li tkun diġa' għamlet l-istess *Omissis*. Ma hemm assolutament xejn fl-atti u fil-provi x'jindika li l-imputat, persuna estraneja għall-kumpannija, seta' kellu xi rwol fil-ħolqien jew l-approvazzjoni tat-transazzjonijiet fittizzji li bihom hu u *Omissis* irċevew il-pagamenti minn dawn it-transazzjonijiet frawdolenti, fil-kontijiet rispettivi tagħhom, u huwa eskluż ukoll għalhekk li hu seta' ta jew ipprovda xi mezzi materjali biex jitwettqu dawn it-transazzjonijiet jew biex jiġi eżegwit id-delitt.

Jekk imbagħad it-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li l-kompliċita' tal-imputat tikkonsisti f'għajnuna jew assistenza jew parteċipazzjoni morali, bħat-tisħiħ tal-volonta' ta' *Omissis*, jew li kien il-mandant li ta ordni lil *Omissis* biex twettaq dan il-frodi jew misapproprjazzjoni, jew li hedded jew ġiegħel lil *Omissis* biex twettaq ir-reat, għandu jingħad illi din l-allegazzjoni saret biss minn *Omissis* - il-ko-akkużata innifisha - fl-istqarrijiet li għamlet waqt l-interrogazzjoni tagħha mill-Pulizija, u minn ħadd iktar. Kif diġa' ġie stabbilit b'mod eżawrjenti iktar qabel, stqarrijiet li jkunu saru minn ko-akkużat ma jistgħux ikunu ta' preġudizzju lill-ko-akkużat ieħor u jagħmlu prova biss kontra min ikun għamilhom. Fil-fehma tal-Qorti, għall-prova tat-tisħiħ tal-volonta' tal-awtur tad-delitt u kwindi għall-prova tal-kompliċita', jinħtieġ li jintwera b'mod konklussiv li l-allegat kompliċi għamel xi ħaġa konkreta biex isaħħaħ il-volonta' tal-awtur biex jiġi kommess id-delitt, ħaġa li tmur lil hinn mis-sempliċi suġġeriment jew talba jew l-approvazzjoni da parti tal-allegat kompliċi għall-kommissjoni tad-delitt. Għall-Qorti, il-fatt li l-imputat seta' wkoll talab jew esprima lil *Omissis* ix-xewqa li tikkommetti jew tkompli tikkommetti d-delitt u l-fatt li l-imputat effettivament irċieva r-rikavat mid-delitt jew approva li jibqa' jirċievi r-rikavat, m'huwiex biżżejjed – mingħajr iktar – biex l-imputat biex jitqies bħala kompliċi kif maħsub fl-artikolu 42

tal-Kap. 9 u kwindi biex jiġi attribwit responsabbilita' kriminali għar-reati li ġew kommessi minn *Omissis*.

Fil-fatt, ma hemm xejn fil-provi proċesswali li jeskludi, raġjonevolment, li *Omissis* ikkomettiet ir-reati fuq inizzjattiva tagħha stess biex tiffinanzja l-vizzju tad-droga jew biex, kif xehed l-imputat, biex tkun tista' tkompli tixtrilu rigali u tiffinanzja l-ispejjeż personali tiegħu mingħajr il-ħtieġa li joħroġ jaħdem, kif del resto dejjem riedet mill-bidu nett tar-relazzjoni tagħhom.

Għaldaqstant, skartati d-dikjarazzjonijiet tal-ko-akkużata li l-imputat heddidha u ġiegħlha tikkommetti l-frodi jew misapproprjazzjoni għad-dannu ta' Tipico Limited, il-Qorti ma tqisx li hemm biżżejjed provi fl-atti proċesswali biex jikkonvinċuha moralment li l-imputat ipparteċipa f'xi reat ta' frodi jew misapproprjazzjoni li ġie kommess mill-awtur, *Omissis*, billi għamel xi wieħed jew iktar mill-atti msemmija fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 42 tal-Kap. 9 u li konsegwentement, jista' jinsab ħati bħala kompliċi f'xi wieħed jew iktar mir-reati msemmija.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli wkoll bir-reat ta' riċettazzjoni.

L-imputat ma jikkontestax u fi kwalsiasi każ, hemm provi inkonfutabbli li jistabbilixxu illi huwa rċieva fil-kont ta' Revolut tiegħu bin-numru LT043250078014327058, diversi pagamenti mingħand Custodian World Pay, ammontanti b'kollox għas-somma ta' €49,802.09 bejn il-11 ta' Novembru 2020 u d-29 ta' Diċembru 2020[10]. B'żieda ma' dan, huwa irċieva wkoll mingħand *Omissis* bejn it-13 ta' Ottubru 2020 u s-17 ta' Frar 2021 fl-istess kont tiegħu ta' Revolut, ċioe' fl-istess perijodu tal-akkużi diversi ammonti oħrajn, b'kollox ftit iktar minn €80,000. Il-Qorti tosserva illi dawn l-ammonti ġew trasferiti minn *Omissis* fil-kont tal-imputat ta' Revolut fl-istess żminijiet li fihom l-istess *Omissis* kienet qed tirċievi fil-kont tagħha

[10] Ara paġna 160 u paġna 160A tal-atti tal-kompilazzjoni.

pagamenti regolari mingħand Custodian World Pay – ċioe' bejn 13 ta' Ottubru 2020 u 22 ta' Frar 2021 – liema pagamenti kif ġie stabbilit, ġew perċepiti minnha b'riżultat tal-egħmil qarrieqi li hija wettqet għad-dannu tas-soċjeta' Tipico Limited. Fil-fatt, fl-istess perijodu li hija għaddiet lill-imputat is-somma totali ta' iktar minn €80,000, *Omissis* irċeviet hija stess direttament mingħand Custodian World Pay, is-somma komplessiva ta' €157,069.03, kważi d-doppju tas-somma li għaddiet lill-imputat. Huwa minnu li *Omissis* kienet tirċievi f'idejha salarju ta' ċirka €2,300 fix-xahar mill-impieg tagħha ma' Tipico Limited iżda ma jistax ma jiġix osservat illi s-salarju totali mħallas lilha fil-perijodu qasir ta' ċirka erba' xhur bejn Ottubru 2020 u Frar 2021 ma kienx jiżboq is-somma ta' €13,000, somma li hija ferm u ferm inqas mill-ammont li hija għaddiet lill-imputat fl-istess perijodu. *Ex admissis*, l-imputat kien jaf is-salarju li kienet tirċievi *Omissis* mill-impieg tagħha kull xahar.

Dan kollu magħdud għall-Qorti jfisser illi l-imputat Corrado Denaro laqa' għandu flejjes bix-xjenza pożittiva li kienu qed jiġu akkwistati b'reati kommessi minn -omissis- u li dawn il-flejjes kellhom provenjenza illeċita. Dan hu deżumibbli wkoll b'mod mill-iktar lampanti mid-depożizzjoni tiegħu fejn l-imputat xehed illi huwa sar jaf li *Omissis* kienet ħadet flus illegalment mill-kumpannija Tipico Limited, meta l-kont tiegħu fejn kienu qed jiġu depożitati dawn il-flus kien ġie sospiż mill-bank u kellu jagħti spjega tal-provenjenza tal-fondi. L-imputat xehed illi *Omissis* kienet qaltlu l-flus kienu ntrebħu minn xi logħob iżda fl-istess waqt afferma wkoll li huwa qatt ma lagħab fuq is-siti elettroniċi ta' Tipico u ma setax jispjega kif kien qed jirċievi flus mingħand Custodian Worldpay jekk ma kienx qed jilgħab ebda logħob. Magħdud dan il-fatt illi l-imputat fix-xhieda tiegħu ammetta li seta' għaddielu minn moħħu li l-flus setgħu insterqu mill-kumpannija Tipico Limited u dan anke għaliex kien jaf li *Omissis* kienet regolarment tisraq affarijiet minn ħwienet differenti tant illi ried jeħodha għand psikologu.

Iktar minn hekk, waqt l-interrogazzjoni tiegħu, l-imputat kien diġa' stqarr espressament illi kellu suspett li l-flus kellhom provenjenza illeċita għaliex *Omissis* kienet ikkonfermatlu li kienet tieħu l-flus mix-xogħol, tant illi ried jirrapportaha lis-

superjuri tagħha għaliex "*din il-biċċa xogħol m'hijiex qed togħġobni*". Stqarr ukoll illi *Omissis* kienet spjegatlu kif kienet qed tieħu dawn il-flus mill-kumpannija u meta qaltlu b'dan, hu kien weġibha: "*Għalhekk huwa worth it? ... iġifieri jekk jaqbduk tagħmel din il-biċċa xogħol huwa worth it tagħmel!*".

Konsegwentement, huwa ppruvat fil-grad meħtieġ l-elementi kollha materjali kif ukoll formali tar-reat ta' riċettazzjoni li ġie addebitat lill-imputat taħt l-artikolu 334 tal-Kap. 9, u huwa stabbilit ukoll li l-ħwejjeġ li huwa rċieva, kienu meħuda b'qerq u li huwa kien konsapevoli dwar dan. Għaldaqstant huma applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (ċ) tal-imsemmi artikolu 334 u billi l-imputat rċieva flus f'ammont li jiżboq is-somma ta' €5,000, il-piena hija dik taħt l-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi jistabbilixxu wkoll b'mod inkonfutabbli illi l-imputat Corrado Denaro mhux biss irċieva xjentement proprjeta' ossia flus li orġina minn attivita' kriminali kommess minn *Omissis*, iżda fir-rigward ta' din il-proprjeta' għamel atti li jinkwadraw fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2(1)(i) sa (vi) tal-Att kontra Money Laundering. Dan meta huwa ppossjeda dan il-flus li akkwista mingħand *Omissis* fil-kont tiegħu ta' Revolut u użah, skont kif jirriżulta mill-istatements tal-istess Revolut wallet bin-numru LT043250078014327058, kif ukoll meta ttrasferixxa (u kwindi kkonverta) dan il-flus mill-imsemmi kont tiegħu għal ġo kont ieħor intestat f'ismu ma' Bank of Valletta p.l.c. (Dok. MF3[11]) u minn hemmhekk reġa' iddispona minn dan ir-rikavat mill-kriminalita' billi għamel diversi *withdrawals* ta' ammonti sostanzjali mill-kont minnufih in segwitu għad-depożiti li saru minn *Omissis*, kif ukoll ittrasferixxa l-flus lil terzi persuni, fosthom lil Grazia Stellini (ċirka €15,000) u Corradina Aprile (€5,000). Dan kollu meta, kif diġa' ġie stabbilit, kien jaf speċifikatament u pożittivament – diversament minn sempliċi suspett - li l-flus inkiseb direttament jew indirettament minn reat kriminali kommess minn *Omissis* li dan il-flus jikkostitwixxi konsegwentement, ir-rikavat minn kriminalita'.

[11] Paġna 469 *et seq.* tal-atti.

Dan premess, irid jingħad fi kwalsiasi każ illi anke jekk l-imputat meta xehed, saħaq (kuntrarjament għal dak li kien stqarr waqt l-interrogazzjoni) li huwa ma kienx jaf b'mod pożittiv li l-flus li kien qed jirċievi mingħand Omissis u mingħand Custodian Wordpay, kien ġej minn reat kriminali iżda kien issuspetta li l-provenjenza setgħet kienet illeċita, l-artikolu 3 tal-Kap. 373 jikkriminalizza mhux biss ix-xjenza pożittiva u speċifika tal-oriġini tal-proprjeta', iżda wkoll l-element formali minuri konsistenti f'suspett. Il-prova ta' dan l-element tas-suspett tista' ssir ukoll b'inferenzi ta' fatt li jitnisslu minn ċirkostanzi oġġettivi u fattwali, purche' jiġi ppruvat ukoll stat formali pożittiv li jmur lil hinn minn sempliċi negliġenza.

F''*Money Laundering Offences'*[12] insibu din id-definizzjoni ta' '*suspicion*' fil-Proceeds of Crime Act (UK):-

*"The term 'suspects' is one which the court has historically avoided defining; however because of its importance in English criminal law, some general guidance has been given. In the case of Da Silva [1996] EWCA Crim 1654, which was prosecuted under the previous money laundering legislation, Longmore LJ stated:*

*'It seems to us that the essential element in the word 'suspect' and its affiliates, in this context, is that* ***the defendant must think that there is a possibility, which is more than fanciful, that the relevant facts exist. A vague feeling of unease would not suffice****.'*

***There is no requirement for the suspicion to be clear or firmly grounded on specific facts, but there must be a degree of satisfaction, not necessarily amounting to belief, but at least extending beyond speculation.***[13]

*The test for whether you hold a suspicion is a subjective one.*

***If you think a transaction is suspicious, you are not expected to know the exact nature of the criminal offence or that particular funds were definitely those arising from the crime. You may have noticed something unusual or unexpected and after making enquiries, the facts do not seem normal or make commercial sense. You do***

[12] The Law Society, Chapter 5, 2013, October Practice Notes.
[13] Enfasi ta' din il-Qorti.

***not have to have evidence that money laundering is taking place to have suspicion.****"*[14]

Ġie ritenut ukoll fid-deċiżjoni msemmija fis-silta appena ċitata:

"*... the prosecution must prove that the defendant's acts of facilitating another person's retention or control of the proceeds of criminal conduct were done by a defendant who thought that there was a possibility, which was more than fanciful, that the other person was or had been engaged in or had benefitted from criminal conduct.*"[15]

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru 2015 fuq appell mis-sentenza mogħtija in prim'istanza fl-istess kawża ċitata qabel, fl-ismijiet **The Police v. Vladimir Omar Fernandez Delgado**, intqal hekk:-

"*This is being said since the Prosecution need only prove a mere suspicion on the part of accused regarding the source of the money, the degree of suspicion, as opposed to the certainty brought about by proof of full knowledge, being merely subjective and personal. In the past the courts have extended the definition of knowledge beyond actual knowledge and included situations where the facts would be clear to an honest and reasonable person. It would also include turning a blind eye. Suspicion, on the contrary, is essentially a subjective issue and so is less than knowledge.*

… … …

*Unfortunately our law does not give a definition of what amounts to "suspicion" and consequently if the prosecution manages to prove such suspicion of the illegal source of the money, then their job is done. It is incumbent on the accused to bring forward evidence to rebut the alleged "suspicion", as being fanciful or a mere possibility. It is then up to the judge or jury to evaluate both sides of the coin in order to establish whether that suspicion is such as can lead to a conviction."*

---

[14] **The Police v. *Omissis*, Vladimir Omar Fernandez Delgado**, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fid-29 ta' April 2015. Enfasi ta' din il-QOrti.

[15] Is-sentenza tkompli: "*But the statute* (Proceeds of Crime Act, 2002 [UK]) *does not require the suspicion to be 'clear' or 'firmly grounded and targeted on specific facts', or based upon 'reasonable grounds'. To require the prosecution to satisfy such criteria as to the strength of the suspicion would, in our view, be putting a gloss on the section."*

Għaldaqstant, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sodisfaċjentement il-konkorrenza tal-elementi kollha tar-reat ta' money laundering.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena, għandu jingħad illi peress illi l-imputat ġie mixli wkoll taħt l-artikolu 18 tal-Kap. 9, l-atti kollha li jiskru l-istess dispożizzjoni tal-liġi iżda magħmula b'riżoluzzjoni waħda, anke jekk magħmula fi żmien differenti, bħala reat kontinwat u għalhekk, l-atti kollha li jikkostitwixxu (i) ir-reat taħt l-artikolu 334 tal-Kap. 9 u (ii) ir-reat taħt l-Att kontra Money Laundering, kompriż l-atti li bihom l-imputat ittrasferixxa jew ikkonverta jew iddispona mill-proprjeta' ġejja minn attivita' kriminai, sejrin jitqiesu bħala reat wieħed.  Barra minn hekk, huwa evidenti illi bl-istess atti li bihom l-imputat akkwista u rċieva l-proprjeta' li oriġinat minn attivita' kriminali, huwa kiser sija d-dispożizzjonijiet tal-Att kontra Money Laundering u kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 334 tal-Kap. 9.  Għalhekk, bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni, għandha tingħata l-piena għar-reat l-iktar gravi li bla dubju huwa r-reat taħt l-artikolu 334 bl-applikazzjoni tal-piena taħt l-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9, ċioe' l-piena ta' priġunerija minn sentejn sa disa' snin.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-ordni tal-konfiska li għandha tingħata bħala konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija ta' Corrado Denaro għar-reati taħt il-Kodiċi Kriminali u l-Att kontra Money Laundering, il-Qorti sejra tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Id-dispożizzjonijiet transitorji tal-Att VI tal-2024 jinsabu inkorporati fl-artikolu 32 tal-Att.

L-artikolu 32(2) tal-Att VI tal-2024 jiddisponi:-

*(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli msemmija fis-subartikolu (1) kif kienu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom jibqgħu fis-seħħ u għandhom japplikaw wara d-dħul fis-seħħ tal-istess Att għal investigazzjonijiet u proċeduri kriminali li jkunu nbdew qabel id-dħul fis-seħħ tal-istess Att, **ħlief kif provdut xort 'oħra f'dan l-artikolu**.* (enfasi tal-Qorti)

Issa, fis-subartikolu (1) tal-artikolu 32 tal-Att VI tal-2024, hemm imsemmija espressament id-dispożizzjonijiet *inter alia* tal-**artikoli 3, 4 u 5 tal-Att kontra Money Laundering** u tal-artikoli 35, 36 u 41 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.

Dan ifisser illi proċeduri kriminali, bħal dawk odjerni, li kienu diġa' pendenti meta daħal fis-seħħ l-Att VI tal-2024, għandhom jibqgħu regolati bid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet fuq imsemmija, kif kienu fis-seħħ **qabel** il-promulgazzjoni tal-Att VI tal-2024, fosthom għalhekk id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 3, 4 u 5 tal-Att kontra l-Money Laundering.

Madanakollu, għall-fini tal-ordni għal konfiska li għandha tingħata b'konsegwenza tas-sejbien tal-ħtija f'dan il-każ odjern, is-subartikolu (5) tal-imsemmi artikolu 32 tal-Att VI tal-2024 jipprovdi illi:-

*"Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Att kontra Money Laundering u tal-artikolu 38 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità kif emendati bl-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom japplikaw għall-investigazzjonijiet u proċeduri kriminali kollha inklużi wkoll dawk li jkunu pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att ħlief għal proċeduri kriminali li fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att ikunu mħollija għas-sottomissjonijiet finali jew għas-sentenza ...."*

Kif rajna diġa', il-proċeduri kriminali odjerni ma kienux imħollija għas-sottomissjonijiet finali jew għas-sentenza fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att VI tal-2024

u għalhekk il-Qorti fehmet illi d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 7 tal-Kap. 373 kif emendat bl-Att VI tal-2024** li jirregola l-ordni għall-konfiska li għandha tingħata wara s-sejbien ta' ħtija għall-ksur tad-dispożizzonijiet tal-Kap. 373, l-Att kontra Money Laundering, għandhom japplikaw biex jiġu determinati l-assi soġġetti għall-konfiska. L-imsemmi artikolu 7 tal-Kap. 373 kif emendat, jagħmel referenza għad-dispozizzjoniijet tal-artikoli 38 u 39 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita' (Kap. 621) fir-rigward tad-determinazzjoni ta' dik il-proprjetà li tkun soġġetta għall-konfiska skont l-artikolu 3(5) tal-Kap. 373[16].

Fil-fatt, l-artikolu 32(6) tal-Att VI tal-2024 jiddisponi ulterjorment:-

***Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli l-oħra kollha tal-Att tal-2024 li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità li m'humiex imsemmija fis-subartikolu (1)*** *jew fis-subartikolu (5) għandhom japplikaw għall-proċeduri kollha, kemm dawk li jkunu pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att, u kemm dawk li jinbdew wara li jidħol fis-seħħ l-istess Att.* (Enfasi tal-Qorti)

Għalhekk, bl-applikazzjoni tal-artikolu 32(6) tal-Att VI tal-2024, id-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 23B, 23Ċ u 23D tal-Kodiċi Kriminali kif emendati bl-Att VI tal-2024**, **li m'humiex imsemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu 32 tal-istess Att**, għandhom japplikaw għall-proċeduri kollha, kemm dawk li jkunu pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istess Att, u kemm dawk li jinbdew wara li jidħol fis-seħħ l-istess Att u kwindi wkoll għal dawn il-proċeduri odjerni. Fil-fatt, l-artikoli 23B u 23Ċ tal-Kap. 9 huma msemmija speċifikatament mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-

[16] Art. 3(5) tal-Kap. 373 ma ġiex milqut bl-emendi introdotti bl-Att VI tal-2024 u baqa' jipprovdi: *"… b'żieda ma' kull piena li għaliha tista' tiġi kkundannata persuna misjuba ħatja ta' reat ta' money laundering taħt dan l-Att u b'żieda ma' kull piena li korp magħqud jista' jeħel taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4), tordna t-teħid favur il-Gvern tar-rikavat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut mill-persuna misjuba ħatja jew mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi subartikolu (4)* ***u kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja*** *kif imsemmi qabel jew ta' korp magħqud kif imsemmi f'dan is-subartikolu* ***għandha, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' money laundering u tkun suġġetta għal konfiska jew teħid mill-qorti*** *wkoll jekk fil-każ ta'proprjetà immobbli dik il-proprjetà tkun, minn żmien meta l-ħati jkun ġie akkużat, għaddiet f'idejn terzi, kif ukoll jekk ir-rikavat ta' proprjetà, kemm mobbli kemm immobbli, ikunu jinsabu f'xi post barra minn Malta."* (enfasi tal-Qorti)

ġudizzju għall-fini tal-konfiska konsegwenti għs-sejbien ta' ħtija għar-reati addebitati lill-imputat.

Dan huwa ftit jew wisq konfużjonarju għaliex il-konfiska tal-assi taħt l-artikolu 7 tal-Kap. 373 li jirriferi għall-artikoli 38 u 39 tal-Kap. 621, kif emendati llum, u għall-artikolu 3(5) tal-Kap. 373, hija regolata b'mod ferm differenti mill-konfiska taħt l-artikoli 23B u 23Ċ tal-Kap. 9 u l-Att VI tal-2024 m'huwiex ċar dwar liema liġi li tirregola l-konfiska tal-assi in segwitu għal sejbien ta' ħtija ta' reat rilevanti, għandha tapplika meta tinstab ħtija dwar reati rilevanti li jemanu minn liġijiet differenti, li m'humiex regolati uniformement mill-Att VI tal-2024. Fil-każ in diżamina, kif diġa' ngħad, l-imputat qed jinstab ħati ta' reati li huma regolati b'mod differenti mid-dispożizzjonijiet transitorji tal-Att VI tal-2024 in kwantu għall-konfiska, fosthom ir-reat tal-ħasil tal-flus, u jsibu applikazzjoni dispożizzjonijiet kontradittorji dwar il-konfiska li għandha tiġi ordnata mill-Qorti b'konsegwenza tas-sejbien tal-ħtija tar-reati rilevanti u r-reat ta' money laundering.

L-artikolu 23B(1) tal-Kap. 9 jipprovdi:-

*(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti għandha, b'żieda ma' kull kastig li jista'jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti u b'żieda ma'kull penali li jista' jeħel korp magħqud taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 121D, tordna* ***l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat*** *sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut minn min ikun insab ħati sew jekk mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi artikolu 121D.*

Imbagħad, l-artikolu 23Ċ(2) tal-Kap. 9 jiddisponi:-

*(2) (a) Meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat rilevanti u b'konsegwenza ta' dan xi flejjes jew proprjetà mobbli oħra jew xi proprjetà immobbli tkun tista' tiġi konfiskata, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(3A)(b) u (7) tal-Ordinanza dwar il-*

*Mediċini Perikolużi, għandhom ikunu japplikaw mutatis mutandis fiċ-ċirkostanzi msemmija f'dawk il-paragrafi.*
*(b) il-Qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' dawk il-flejjes jew proprjetà mobbli oħra u ta' dik il-proprjetà immobbli tal-persuna misjuba ħatja tar-reat relevanti li jkunu jikkostitwixxu r-rikavat minn dak ir-reat ukoll jekk il-proprjetà mobbli jew immobbli minn meta l-ħati jkun ġie imputat tkun għaddiet għand terzi persuni u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta.*

Mill-banda l-oħra, taħt l-artikolu 3(5) tal-Kap. 373, **kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja** (u għalhekk mhux biss ir-rikavat tar-reat) għandha, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, **titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' money laundering u tkun suġġetta għal konfiska jew teħid mill-qorti**.

Madankollu, jibqa' dejjem il-prinċipju fondamentali illi f'każ fejn il-liġi li tkun fis-seħħ matul il-proċeduri tkun differenti mil-liġi li tkun fis-seħħ fid-data tad-determinazzjoni tal-proċeduri kriminali, il-Qorti dejjem trid tapplika dik il-liġi li hi l-aktar favorevoli għall-imputat, u hekk sejra tagħmel illum fil-konfront tal-ħati li għandha quddiemha, liema liġi hija dik taħt l-artikolu 23B u 23Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

B'żieda ma' dan il-fatt illi l-artikolu 23A(3) tal-Kap. 9 kif emendat bl-artikolu 3 tal-Att VI tal-2024, issa jiddisponi hekk:-

"*Fejn dan l-artikolu u l-artikoli 23B, 23Ċ u 23D jipprovdu dwar il-konfiska ta' rikavat mill-kriminalità b'mod li mhuwiex provdut fl-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità d-dispożizzjonijiet ta'* ***dan l-artikolu u tal-artikoli 23B, 23Ċ u 23D għandhom jiġu applikati qabel id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità****. Id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità għandhom japplikaw biss sussidjarjament skont l-artikolu 5(3) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.*"

Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-artikolu 5 tal-Kap. 621 jipprovdu espressament illi "*meta l-liġi tipprovdi għall-konfiska tal-assi tal-akkużat bħala konsegwenza ta' ħtija, id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi għandhom jibqgħu japplikaw fir-rigward ta' tali konfiska għall-esklużjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, b'dak il-mod illi d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom madankollu japplikaw fir-rigward ta' proprjetà li tikkostitwixxi rikavat u li mhijiex soġġetta għall-konfiska taħt kull liġi msemmija.*" Għalhekk, peress li r-rikavat mir-reat jitqies sewwasew bħala proprjeta' soġġetta għal konfiska taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Kriminali, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita' dwar konfiska ma jsibux applikazzjoni fil-każ in diżamina, fosthom għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-istess Kap. 621 li jiddefinixxu l-kunċett ta' 'proprjeta' soġġetta għal konfiska', kunċett li huwa ferm u ferm wiesa' u jinkludi mhux biss ir-rikavat mill-kriminalita' iżda wkoll proprjeta' faċilitattiva u proprjeta' involuta fil-money laundering.

Illi din il-fehma hija msaħħha fuq kollox bil-fatt illi l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, indika **biss**, għall-fini tal-konfiska, l-artikolu 23A, 23B u 23Ċ tal-Kodiċi Kriminali u ma indika ebda dispożizzjoni ta' ebda liġi oħra dwar konfiska ta' proprjeta' tal-persuna misjuba ħatja, la dawk taħt il-Kap. 101 u lanqas id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 621. L-imsemmija artikoli 23B u 23Ċ tal-Kap. 9 ġew emendati radikalment b'effett tad-dħul fis-seħħ tal-Att VI tal-2024 u kif rajna, din il-liġi kif hekk emendata hija applikabbli bis-saħħa tal-artikolu 32(6) tal-istess Att, għall-proċeduri odjerni u huma dawn l-artikoli, kif emendat bl-Att VI tal-2024, li ser jiġu applikati mill-Qorti għall-fini tal-Ordni għall-Konfiska u mhux id-dispożizzjonijiet rilevanti taħt l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalita' u l-Att kontra Money Laundering.

Mill-atti u l-provi proċesswali huwa stabbilit b'mod mhux kontestat, illi r-rikavat mir-reati li dwarhom qed tinstab ħtija, għandu valur komplessiv ta' ċirka mija u tletin elf

Euro (€130,000[17]) u għalhekk il-Qorti sejra tordna l-konfiska ta' dan ir-rikavat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reati taħt l-artikoli 42, 43, 48A, 293, 294, 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali kif addebitati fl-imputazzjonijiet enumerati 10, 11 u 12, wara li rat l-artikoli 17, 18, 23, 23B, 23C, 310(1)(a) u 334(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 2(1), 2(2), 3(1), 3(2A)(a)(ii) tal-Att kontra *Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta), issib lil CORRADO DENARO ħati tal-imputazzjonijiet bin-numru 1 u bin-numru 13, u tikkundannah sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna illi din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk il-ħati jikkommeti reat ieħor punibbli bi priġunerija fi żmien erba' (4) snin.**

**Ai termini tal-artikolu 23B(1) u l-artikolu 23Ċ(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali[18], il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' mija u tletin elf Euro (€130,000) rappreżentanti r-rikavat li huwa soġġett għal konfiska, jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-imsemmi valur tar-rikavat, ukoll jekk il-proprjetà, minn meta l-ħati ġie imputat, tkun għaddiet għand terzi persuni u anke jekk l-imsemmija flejjes jew proprjetà jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 23B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna illi jekk ir-rikavat li jkun ġej mir-reati, kif stabbilit, ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, il-ħati għandu jeħel multa ta' mija u tletin elf Euro (€130,000).**

---

[17] Magħmul mis-somma ta' €49,802.64 li l-imputat irċieva mingħand Custodian Worldpay, u s-somma ta' ċirka €80,000 li huwa rċieva mingħand Omissis, liema ammonti lkoll jikkostitwixxu rikavat mir-reat ta' riċettazzjoni u moeny laundering.

[18] Li jagħmlu riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(3A)(b) u (7) tal-Kap. 101.

**Din il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u din is-sentenza tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Ai termini tal-artikolu 23D(1) tal-Kodiċi Kriminali, tordna lid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi biex jagħmel stħarriġ sabiex jinstabu u jiġi aċċertat fejn ikunu jinsabu xi flejjes jew proprjetà oħra, dovuti jew jappartejnu jew taħt il-kontroll tal-ħati.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti is-somma ta' seba' mija u tlieta u sebgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€773.50) rappreżentanti nofs l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri[19], pju' s-somma ta' sittin Euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€60.71), rappreżentanti l-ispejjeż kollha mħallsin lill-espert[20] maħtur għat-traskrizzjoni tal-istqarrijiet awdjo-viżivi tal-ħati, Dok. MTT2 u Dok. MTT3.**

**Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti għall-fini tal-artikolu 28(A)(8) u l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u lid-Direttur tal-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi għall-finijiet tal-artikolu 23D tal-istess Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[19] Keith Cutajar – Dok. C, €1089.71 (paġna 1379 tal-atti); Keith Cutajar – Dok. KCX, €457.29 (paġna 1857 tal-atti).
[20] Dr. Martha Travers Trauss.